MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 685/2011

**Da Vinci Healthcare Limited**
**(C 432120)**

**Vs**

**Carmel Azzopardi u b'digriet tat-Tribunal data 25 ta' Jannar, 2013 gie kjamat fil-kawza Dennis Gatt**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Awwissu, 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet hlas fl-ammont ta' elf, sitt mija u tmien ewro (€1,608) ghal servizz mediku moghti lilek fit-28 ta' April, 2011 fuq istruzzjoni u inkarigu tieghek. Dan is-servizz gie moghti mis-socjeta' rikorrenti f'Da Vinci Hospital u huwa deskritt fil-fattura hawn annessa u mmarkata bhala dokument A.

Is-socjeta' rikorrenti qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mitluba bl-ispejjez kontra l-intimat, bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat pprezenta risposta fit-18 ta' Novembru, 2011 illi ebda flejejz ma huma dovuti mill-esponent stante illi s-servizz moghti lilu il-konsulent mediku Dr Dennis Gatt gewwa Da Vinci Hospital ma sarx fuq istruzzjonijiet jew inkarigu ta' l-esponent.

Infatti l-esponent qallu b'mod l-aktar car lill-konsulent Mediku Dr Gatt illi huwa ma kienx f'posizzjoni illi jhallas ebda spejjez u dan stante illi huwa kien gia hallas spejjez ftit tal-granet biss qabel l-operazzjoni meta kien gie sottomess ghal operazzjoni ohra.

Xehed bil-gurament il-kirurgu Mr Dennis Gatt illi spjega x'tip ta' intervent kellu bzonn il-konvenut u dwar l-urgenza tieghu. Spjega ukoll dwar il-qaghda tal-konvenut wara l-operazzjoni u dwar il-fatt illi l-konvenut kellu bzonn it-tieni operazzjoni. Il-kirurgu jghid illi l-konvenut kien infurmah illi ma kellux flus biex ihallas it-tieni operazzjoni pero meta ssugerilu l-isptar generali dan kien qallu li kien ser idum. Wara dan il-kliem rega mar l-Isptar Da Vinci u pprezenta ruhu ghat-tieni operazzjoni. Dan ix-xhud jghid illi fl-ebda mument ma qal lil konvenut illi seta jaghmel l-operazzjoni fi sptar privat minghajr hlas.

Xehdu ukoll Kathleen Schembri u Anna Caruana li hadu hsieb il-koompilazzjoni u l-hrug tal-kont. Xehed ukoll Pierre Vassallo li huwa Managering Director tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont ghadu ma thallasx.

Gie kjamat in kawza il-kirurgu Dennis Gatt li pprezenta risposta fl-24 ta' April, 2013 fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ta' din il-kawza.

Dan ghaliex, ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut kjamat in kawza Dennis Gatt rigwardanti din il-materja. Din il-kawza giet istitwita mill-attur Da Vinci Healthcare kontra l-konvenut Carmel Azzopardi a bazi tar-relazzjoni guridika illi kien hemm bejn Da Vinci Healthcare Ltd u Carmel Azzopardi. Dennis Gatt huwa surgeon li wettaq l-intervent kirurgiku in kwistjoni. Imma bhalu, kien hemm ukoll persuni ohra rofessjonisti u/jew impjegati ma' Da Vinci Healthcare Ltd, li kienu involuti fl-operazzjoni in kwistjoni. Ma hemm ebda rabta sia kontrattwali jew mod iehor bejn Dennis Gatt u Carmel Azzopardi li jintitolaw lil Carmel Azzopardi li Dennis Gatt jigi kjamat in kawza meta l-attur f'din il-kwistjoni huwa Da Vinci Healthcare Ltd. L-izjed li l-konvenut Azzopardi legalemnt seta jaghmel hu li jeccepixxi li hu mhux risponsabbli li jhallas l-ammont mitlub.

2. Fit-tieni lok u minghajr prejudizzju ghas-suespost, il-fatti tal-kaz kienu s-segwenti u minnhom jirrizulta illi Dennis Gatt m'ghandu b'edba manjiera jkun responsabbli u lanqas jkun involut bhala parti f'din il-kawza salv bhala xhud; fil-fatt hu diga ta' x-xhieda tieghu.

2a. Fl-4 t'April 2011 Carmel Azzopardi gie Da Vinci Hospital mibghut minn General Practitioner Dr Andrew Zammit, b'ilment ta' "prolapsed strangulated and ulcerated hemorrhoids". Id-dettalji medici kirurgici diga inghataw fix-xhieda moghtija minn Dennis Gatt f'din il-kawza.

2b. Ghar-rigward tal-kwistjoni dwar jekk kienx hemm ftehim li Azzopardi jaghmilx it-tieni operazzjoni bla hlas, Dennis Gatt jghid li qatt ma kien hemm ebda tali ftehim jew kwalsiasi indikazzjoni dwar l-istess.

2c. Wara l-ewwel operazzjoni tal-4 t'April 2011 Dennis Gatt ra lil Azzopardi fit-18 t'April; f'dina it-tieni laqgha Azzopardi semma illi kieku kellu bzonn jaghmel operazzjoni ohra ma kienx ikun jista jaghmilha privatament u jhallasha. Gatt qallu illi f'dak il-kaz jkun jista' jibghatu Mater Dei Hospital u hemmhekk jaghmluhielu t-team tieghu. Gatt ma qalx lil Azzopardi li setgha jaghmel it-tieni operazzjoni Da Vinci Hospital bla hlas, u lanqas ma huwa (Azzopardi) ssugerixxa din il-possibilita.

2d. Gatt qallu illi kieku jistenna ghal xi zmien, kien hemm chances kbar li l-ugiegh jonqos u kollox jigi ghan-normal.

2e. L-Erbgha 27 t'April Azzopardi mar ghallarieda f'Da Vinci Hospital u minghajr ma semma xejn dwar hlas jew Mater Dei Hospital, staqsa biex Gatt jaghmillu it-tieni operazzjoni kemm jista jkun malajr f'Da Vinci Hospital. Biex jakkomodah Gatt ibbukjah ghall-kirurgija immedjata, l-ghada il-Hamis 28 t'April.

2f. Fit 28 t'April 2011 l-operazzjoni saret u xi tlett sieghat wara l-operazzjoniGatt rcieva telefonata minn Da Vinci Hospital fejn qaluli illi Azzopardi ma riedx ihallas. Gatt kellmu fuq it-telephone u spjegalu s-sitwazzjoni. Azzopardi apologizza ghal misunderstanding u pprometta li jhallas kollox fi zmien gimghatejn. Ma regax attenda ghal folow up examination.

2g. "Nikkonferma illi jiena ma offrejtx illi l-operazzjoni ssir b'xejn Da Vinci Hospital primarjament ghax m'ghandix ebda awtorita' li ghan nom ta' Da Vinci Hospital norbot l-ipstar, l-anestestita, in-nurses, l-anaesthetic nurse etc li ovvjament anqas huma ma jithallsu. It-tieni anke personalment jien m'ghandi ebda interess jew raguni illi naghmel operazzjonijiet b'xejn in generali ghan-nies fil-privat. Nerga nirrepeti illi kieku stenna xi ftit, jew ried illi jaghmel l-operazzjoni bla hlas kellu jinsisti illi jmur Mater Dei kif kont offrejtlu. Nghid ukoll illi ladarba kien diga ghamel operazzjoni Da Vinci Hospital u hallas ghaliha, kien jaf illi jekk it-tieni opperazzjoni issir Da Vinci dan huwa sptar privat u se jkollu jhallas."

F'dan l-istadju giet tratta l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-kjamat in kawza u nghatat sentenza preliminari li laqghet l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza u lliberatu.

Xehed il-konvenut Carmel Azzopardi li spjega kien dahal b'emergenza fl-Isptar Mater Dei minhabba li kellu hafna bleeding. Kien rah tabib pero dan issugerixxa li jkun ahjar jekk jara Professur, pero t-tlett Professuri tal-Isptar kienu bbukjati ghal tlett xhur. Il-konvenut hawnhekk iddecida li jkellem Professur fil-privat. Hawnhekk il-konvenut kellem lil kirurgu Mr Dennis Gatt li malli rah infurmah li kellu bzonn operazzjoni malajr u filfatt din saret fl-istess gurnata tal-vista. Din saret l-isptar Da Vinci u l-konvenut kien kuntent hekk. Wara tlett ijiem il-konvenut baqa' migugh u bil-bleeding. Kien ghalhekk illi kellem lit-tabib personali tieghu Dr Anton Zammit li nfurmah li l-operazzjoni saret ghal xejn ghax li ghamilu Dr Gatt seta jaghmillilhu hu fil-klinika tieghu. Wara li rega ezaminah Mr Gatt infurmah illi l-operazzjoni ma rnexxitx u li kien hemm bzonn isirlu t-tieni operazzjoni. Il-konvenut f'dan l-istadju nforma lil kirurgu li ma kellux mezzi biex ihallas it-tieni operazzjoni u l-kirurgu kien qallu li kien ser jara jistax l-operazzjoni issir fl-isptar Mater Dei.

Meta l-kirurgu kkomunika mal-konvenut u tah id-data kien qallu biex imur Da Vinci Hospita. Peress illi hu kien jaf li lil Mr Dennis Gatt qallu li ma setax ihallas ghat-toeni operazzjoni. Kien mar ghamel l-operazzjoni u ma ssemma xejn dwar spejjez.

Wara l-operazzjoni kien giemitlub ihallas.

Xehed it-tabib Andrew Zammit li wara li spjega x'kellu bzonn il-konvenut Carmel Azzopardi spicca biex qal illi l-ewwel operazzjoni setghet giet evitata u saret it-tieni operazzjoni mal-ewwel.

Fl-fehma tat-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati hija li la darba l-konvenut ipprezenta ruhu fl-isptar privat allura ma setax jiddecidi li l-operazzjoni kienet ser issir b'xejn. Intuzat il-kelma jiddeducci ghaliex il-konvenut stess jghid illi ma tkellem ma hadd dwar il-hlas tal-operazzjoni qabel it-tieni wahda. Dan hlief meta kien informa lil kirurgu li ma kellux flus ghat-tieni operazzjoni. Pero wiehed jifhem illi la darba dhalt fi sptar privat allura ser ikun hemm il-hlas. In oltre li kieku l-konvenut ma kienx cert jew ma kellux pjacir mix-xoghol li kien qed jaghmel il-kirurgu allura kien ifittex kirurgu iehor.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta' u jiddecidi illi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elf, sitt mija u tmien ewro (€1,608) lis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza inkluz tas-sentenza preliminari jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------